MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-21 ta' Awwissu, 2013

Numru. 801/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**Vs**

**Celal Can Kocaturk**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Celal Can Kocaturk ta' dsatax-il sena (19) iben Mustafa u Secil neè Erasrnan, imwieled gewwa Balcova, it-Turkija fis-27 ta' Ottubru 1994, residenti gewwa E.C., Margaret Mangion Street, San Giljan, detentur ta' passaport Tork bin-numru U07634222, talli nhar l-20 ta' Awissu 2013 ghall-habta ta' 01:30a.m., gewwa San Giljan:**

**1. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-liġi minn**

**servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;**

**2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel reżistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti;**

**3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi mingħajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' PS 891 Oscar Robert Baldacchino f'periklu ċar, ikkaġuna hsara fil-ġisem jew fis-sahha ta' PS 891 Oscar Robert Baldacchino, liema hsara hija ta' natura hafifa, hekk kif iccertifika Dr. E. Scerri, detentur ta' numru tar-Regisrtu Mediku 1686 tal-Klinika tal-Furjana;**

**4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PS 891 Oscar Robert Baldacchino u PC 467 Graeme Baldacchino, sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara;**

**5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;**

**6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;**

**7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fejn l-ammont tal-hsara ma jiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), ghad-detriment ta' Aquarius Car Rentals;**

**8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu.**

**Rat id-dokumenti esebiti u l-atti l-ohra tal-kaz;**

**Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana minkejja il-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;**

**Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;**

Ikkunsidrat:

**Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, issib lill-istess imputati hati ta' l-akkuzi kollha dedotti kontrih.**

**Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u li diga' hallas tal-hsarat li kkawza f' dan l-incident.**

**Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 95, 96, 214, 338(dd), 338(ee), 338(ff), 339(d), u 325(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal perijodu ta' ghaxar (10) xhur prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm l-agir ta' l-imputat mhux gustifikat u certament m'ghandux jirrepeti ruhu, fic-cirkostanzi hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta' l-Artikolu 28(A) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk ai termini ta' l-imsemmi Artikolu tal-Ligi tissospendi t-terminu ta' ghaxar (10) xhur prigunerija ghal sena (1) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.**

**A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------